MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 1576/2001/1

**A**

**vs**

**B**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 28 ta' Settembru 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti huma mizzewga u l-konvenut irrenda ruhu hati *verso* l-attrici ta' minacci, theddid u ingurji gravi u fil-konfront ta' l-attrici.

Illi l-attrici ottjeniet mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili l-awtorizzazzjoni sabiex tistitwixxi din il-kawza.

Illi l-istess attrici talbet lil din il-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lil konvenut.

2. Tillikwida l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet u tordna l-qasma taghom *occorendo* b'nomina ta' Perit u Nutar biex jippublika l-att opportun u kuraturi ghall-eventwali kontumaci.

3. Tassenja d-dritt ta' abitazzjoni tad-dar konjugali, Katie Farmhouse, Raba' Nemel limiti tar-Rabat (jew, jekk ikun il-kaz ta' abitazzjoni ohra fid-data tas-sentenza) lill-attrici.

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici dik ir-rata ta' alimenti illi jidhrilha xierqa l-istess Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 3 tal-process;

Rat id-Digriet tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili datat 21 ta' Awissu 2001 Numru 1199/2001 fejn l-istess Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Albert J. Magri awtorizzat lir-rikorrenti tipprocedi ghas-separazzjoni u ordnat lir-ragel ihallas lill-martu bhala manteniment l-ammont ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar, pagabbli ghaxar lira Maltin (Lm10) kull gimgha, u cahdet it-talba dwar id-dar konjugali, kollox a fol. 4 sa 6 tal-process.

Rat li din il-kawza giet appuntata minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo fil-5 ta' Novembru 2001 ghas- 6 ta' Frar 2002.

Rat il-verbali ta' din l-Qorti hekk diversament presjeduta tas-6 ta' Frar 2002, 23 ta' April 2002 u 28 ta' Mejju 2002.

Rat il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern datata 14 ta’ Gunju 2002.

Rat in-nota ta’ l-attrici A  datata 18 ta’ Ottubru 2002 fejn gie esebit l-affidavit taghha a fol. 16 tal-process, datat 25 ta’ Settembru 2002.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti inkluz dak tal-5 ta’ Novembru 2002 fejn inghata digriet affidavits tal-partijiet ta’ erbghin (40) gurnata u giet nominata Dr. Charmaine Zammit bhala Perit Legali w ordnatilha sabiex izomm zewg seduti ghall-provi attrici u zewg seduti ghall-provi konvenut, u halliet il-kawza ghar-rapport ghas-spejjez provizorjament attrici ghall-4 ta’ Novembru 2003.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut datata 14 ta’ Novembru 2002 a fol. 23 tal-process fejn ecceppixxa li:-

(1) Fl-ewwel lok il-konvenut jaqbel li ghandha tigi ppronunzjata separazzjoni personali bejn il-kontendenti, pero` dawn ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici.

(2) Fit-tieni lok, il-konvenut jaqbel ukoll illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet ghandha tigi likwidata okkorendo permezz ta’ periti nominandi u billi l-mobbli jinqassmu *in spece* jew b’mod iehor li jigi ordnat il-bejgh taht l-Awtorita’ tal-Qorti, tal-beni formanti parti mill-kommunjoni ta’ l-akkwisti fuq imsemmija, biex f’kaz illi ma’ jistax isir mod iehor jinqasam ir-rikavat ta’ l-istess bejgh.

(3) Illi fit-tielet lok, l-eccipjent, jaqbel illi l-kontendenti ghandhom jghixu separatament, imma *stante* illi d-dar matrimonjali li hija divissibbli, tigi diviza bl-opera ta’ perit u taht l-Awtorita` ta’ din l-Qorti taht kull provediment illi jidhrilha xierqa w opportuna.

(4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista ta’ xhieda a fol. 24 u 25 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 5 ta’ Marzu 2003 fejn esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 21 ta’ Mejju 2003 u l-atti kollha in konnessjoni ma’ l-istess rikors u d-digrieti ta’ din il-Qorti datati 22 ta’ Mejju 2003, 9 ta’ Gunju 2003, u 2 ta’ Lulju 2003 minn fol. 30 sa fol. 38 tal-process.

Rat in-nota attrici datata 18 ta’ Gunju 2003 fejn gew esebiti d-dokumenti Dok. “A” sa Dok. “G” minn fol. 39 sa fol. 49 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenut datata 23 ta’ Ottubru 2003 fejn issottometta rapport peritali ta’ Anton Valentino a fol. 52 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 3 ta’ Novembru 2003 fejn opponiet ghall-pjan ta’ qasma tal-fond indikat skond rapport iehor tal-Perit Charles Buhagiar datat 31 ta’ Ottubru 2003.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-4 ta’ Novembru 2003 fejn gie nominat il-perit Valerio Schembri sabiex jirrelata dwar jekk il-fond indikat huwiex komodament divizzibbli u sabiex jaghti stima ta’ l-istess a spejjez bin-nofs bejn iz-zewg partijiet.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru 2003 fejn id-difesnuri qablu li r-rapport tekniku jista’ jinhalef fir-Registru u l-Qorti qablet li jsir dan b’dan li l-Perit Tekniku jinforma b’dan lid-difensuri tal-partijiet.

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 19 ta’ Dicembru 2003 fejn talbet manteniment ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar; id-digriet tat-22 ta’ Dicembru 2003; in-nota ta’ l-attrici datata 14 ta’ Jannar 2004, u d-digriet datat 11 ta’ Frar 2004 fejn l-manteniment gie awmentat ghall-mija u ghoxrin lira Maltin (Lm120) kull erba’ gimghat u ordnat li l-istess manteniment jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut kollox a fol. 71 tal-process.

Rat ir-rikors ta’ Dr. Anna Mallia datat 24 ta’ Frar 2004 u d-digriet datat 25 ta’ Frar 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ Frar 2004 u tas-seduta tas-16 ta’ Marzu 2004 u tal-25 ta’ Marzu 2004 fejn il-Perit Tekniku Valerio Schembri halef ir-rapport ipprezentat minnu fil-5 ta’ Dicembru 2003.

Rat l-istess rapport peritali datat 5 ta’ Dicembru 2003 minn fol. 76 sa fol. 88 tal-process fejn ikkonkluda li l-fond matrimonjali ma’ huwiex komodament divizzibbli u li l-valur ta’ l-istess fond huwa ta’ hamsa u sebghin elf lira Maltin (Lm75,000).

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 2 ta’ April 2004  u d-digriet datat 6 ta’ April 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Gunju 2004 u ta’ l-20 ta’ Ottubru 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Frar 2005 fejn Dr. Charmaine Zammit halfet ir-rapport u wiegbet ghall-eskussjoni ta’ Dr. Patrick Valentino u l-kawza thalliet ghall-ezami tar-rapport tal-Perit Valerio Schembri ghall-24 ta’ Mejju 2005.

Rat ir-relazzjoni peritali ta’ Dr. Charmaine Zammit datata 16 ta’ Gunju 2004 u mahlufa fit-22 ta’ Frar 2005 minn fol. 97 sa 110 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-istess Perit Legali datati 20 ta’ Jannar 2003, 28 ta’ Jannar 2003, 13 ta’ Frar 2003, 24 ta’ Frar 2003, 29 ta’ Lulju 2003, 18 ta’ Settembru 2003, 10 ta’ Ottubru 2003, u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-24 ta’ Mejju 2005 fejn l-istess Perit Tekniku Valerio Schembri wiegeb ghad-domandi ta’ Dr. Patrick Valentino ghall-konvenut u l-partijiet trattaw il-kaz u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta’ Ottubru 2005.

Rat ir-rikors ta' l-attrici datat 8 ta' Gunju 2005, ir-risposta tal-konvenut datata 23 ta' Gunju 2005 u d-digriet datat 24 ta' Gunju 2005 fejn laqghet it-talba sabiex tigi esebita s-sentenza relattiva b'kopja lill-kontro-parti u tat lill-attrici ghoxrin (20) gurnata ghall-prezentata tan-nota ta' osservazzjonijet bin-notifika lill-kontro-parti jew lid-difensur taghha li jkollu ghoxrin (20) gurnata ghall-nota responsiva.

Rat in-nota tal-attrici tal-1 ta' Lulju 2005 fejn permezz taghha pprezentat kopja legali tas-sentenza tal-Magristrati datata 18 ta' Mejju 2005.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-attrici tal-5 ta' Lulju 2005.

Rat in-nota responsiva tal-konvenut tat-2 ta' Settembru 2005.

Rat ix-xhieda kollha prodotta.

Rat l-atti kollha tal-partijiet.

Rat d-dokumenti kollha esebiti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI.

Illi bhala xhieda l-attrici pproduciet, barra l-affidavit taghha, affidavit tat-tfal taghha **Dorianne u Claudia** u wkoll il-konvenut in subizzjoni. Il-konvenut ipproduca biss l-affidavit tieghu stess.

Illi fil-qosor il-fatti huma s-segwenti:-

Il-partijiet ilhom mizzewwgin cirka tlieta u tletin (33) sena u minn dan iz-zwieg kellhom hames (5) t'itfal li llum il-gurnata kollha huma maggorenni.

Illi skond l-**attrici A ,** il-problemi matrimonjali bdew dawn l-ahhar ghaxar snin ghaliex il-konvenut kien jidhol id-dar fl-

erbgha ta’ filghodu b’riha ta’ nbid meta suppost kien ikun xoghol. Fl-istess perjodu il-partijiet ma bdewx jorqdu flimkien u wkoll il-konvenut beda jaghmel hafna dejn u kienu qed ifittxuh hafna nies. L-attrici ddikjarat li f’dawn l-ahhar snin ma kienx qed imantniha u ghalhekk bdiet tahdem. Il-konvenut kien ukoll gie kkundannat tmien (8) t’ijiem prigunerija fuq akkuza li ma mantnix lill-attrici skond digriet tas-Sekond’Awla tal-Qorti Civili. L-attrici tallega li l-konvenut ghandu relazzjoni extra-matrimonjali u fil-fatt anke t-tfal rawh ma’ xi mara. Hi tghid li meta staqsiet lill-konvenut min hi din il-mara, hu wegibha *“Ngibhielek id-dar? Ngibhielek it-tieg?”.* L-attrici xehdet ukoll illi kull x’hin iqum il-konvenut joqghod isemmilha lil din il-mara u jghidilha li hi l-isbah wahda li hemm Bugibba.

Illi min-naha tieghu l-**konvenut B** xehed illi meta zzewwgu emigraw lejn l-Awstralja. Qal illi darba minnhom kien dahal lura d-dar mix-xoghol u l-attrici aggreditu b’sikkina pero` sussegwentement hafrilha. Wara xi erba’ snin huma regghu irritornaw lejn Malta. Wara xi zmien hu rega’ tela’ l-Awstralja ghal xi sena u mbaghad rega’ rritorna hawn Malta. Il-konvenut qal illi ghalkemm hu qatt ma kien kuntent mal-mara ghamel minn kollox sabiex iz-zwieg jigi salvat. Hu allega li martu kienet kissritlu l-*windscreen* ta’ Vann Isuzu, qattghatlu s-*seat* tal-karozza Hyundai Stellar, diversi drabi tefghatlu l-pitrolju fuq is-sodda u ghamlet l-i*spray* li joqtol id-dubbien fuq l-imhaded, tqattaghlu l-hwejjeg. Pero` kompla jghid li dan l-agir kien isehh peress li l-attrici kellha xi forma ta’ dipressjoni u ghalhekk hu dejjem kien jahfrilha. Fir-rigward tad-dar matrimonjali l-konvenut xehed illi din id-dar hija komodament divizibbli u ghalhekk ghandha tinqasam u jibqghu jghixu fiha separatament. Il-konvenut jichad li hu qatt kellu xi relazzjoni ma’ nisa ohra pero` kkonferma li dawn l-ahhar ghaxar snin beda johrog wahdu, imur jizfen man-nisa u jiehu xi flixkun birra. Iddikjaraw wkoll illi kien qed jaghti ghaxar liri (Lm10) fil-gimgha lil martu skond id-digriet tal-Qorti. Mistoqsi jekk ghandux xi relazzjoni ma’ xi armla huwa qal li din il-persuna hija biss *partner* taz-zfin u qatt ma kellu relazzjoni maghha. Bhala proprjeta` huwa qal li ghandhom biss ir-razzett filwaqt li ghandu dejn ta’ tlett mitt lira Maltin

(Lm300) mal-Bank u ghandu jiehu cirka elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) minghand certu Godwin Cauchi.

Illi in subizzjoni l-konvenut qal illi darba kellu *charge* tax-xoghol ghax ma sabuhx fuq ix-xoghol. Huwa ddikjara li jahdem mal-Gvern u ghandu wkoll *part-time* iqassam il-haxix. Fir-rigward ta' dejn qal li ghandu pero` ha jhallsu hu. Hu xehed ukoll dwar diversi *charges* li kellu rigwardanti x-xoghol tieghu mal-Gvern. Fir-rigward tat-tmien (8) t'ijiem detensjoni li xehdet fuqhom l-attrici, il-konvenut qal li ma marx habs ghax il-manteniment sussegwentement tahulha. Il-konvenut iddikjara wkoll illi l-attrici kienet hallset tlett mija u tminn lira Maltin (Lm308) lill-Kumpanija Primrose li kienu jirraprezentaw xi interessi. Fir-rigward ta' hrug huwa qal illi filghaxija kwazi dejjem johrog u jidhol fi x'hin jixba'.

Illi **Dorianna u Claudia ahwa Sacco** xehedu illi missierhom jafuh dejjem jigri barra u meta jkun id-dar jaqla' l-kwistjonijiet ma' ommhom u gie li kisser l-affarijiet. L-istess tfal qalu wkoll illi missierhom jghaddi l-iljieli barra u ma jafux fejn ikun pero` rawh xi erba' darbiet ma' mara ohra xagharha mizbugh isfar go Bugibba. Meta affrontawh qalilhom insabbattkom mal-art. Huma qalu li jafu li missierhom kien iddejjen u li mill-flus dejjem zammhom neqsin. It-tfal jallegaw ukoll li l-konvenut kien qed jisraq xi frott u haxix mill-hanut ta' huhom u meta qabduh jisraq rasshom mal-hajt bil-karozza. Izidu jghidu li missierhom ammetta maghhom u ma' ommhom li kellu mara ohra. Kien hemm okkazzjoni fejn il-konvenut kien se jsawwat lil xi wahda mit-tfal pero` gie mizmum u kien ta' spiss jghid *"hawn li nghid jien jew jigri d-demm".* Claudia Sacco ziedet ukoll illi tilfet *job* peress li kien jirrifjuta li jmur ghaliha meta kien jista'. L-istess Claudia xehdet illi kienu sabu xi numru tal-*mobile* u cempluh. Irrispondietu mara u bdiet tkellimhom hazin. Tghid ukoll illi darba cemplu lil missierhom bil-lejl u semghu lehen ta' mara vicin hafna.

## (ii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.

## (a) Responsabilita` tas-Separazzjoni.

Illi f'din l-istanza l-attrici qeghda titlob is-separazzjoni personali mill-konvenut zewgha fuq l-addebitu ta' minacci, sevizzi, theddid u ingurji gravi fil-konfront taghha da parti tal-konvenut; da parti tieghu il-konvenut fin-Nota tal-Eccezzjonijiet jeccepixxi illi jaqbel illi ghandha tigi ppronunzjata separazzjoni personali bejn il-kontendenti, pero` dawn ghal ragunijiet u htijiet imputabbli unikament lill-attrici.

Illi ghalhekk irid jigi stabbilit min mill-partijiet, jew jekk hux it-tnejn, kien responsabbli biex iz-zwieg taghhom tkisser irremedjabilment.

Illi fir-rigward tal-addebitu ta’ **minacci,** dawn jinkludu kliem bil-miktub jew bil-fomm jew anke agir li jinghadu jew jsiru bil-ghan illi twegga’ lill-parti l-ohra u biex trendilhom hajjithom mizerabbli u skuntenta. Fil-kawza **“Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud”** deciza fit-30 ta’ Gunju 1961, il-Qorti qalet:- *“Il-minacci jistghu jkunu verbali jew reali u materjali. Jekk dawn verbali jkunu l-effett tal-impetu u mhux rafforzati mill-intenzjoni li jkunu sussegwiti mill-azzjoni, fil-kaz ta’ nies ta’ certu cetu socjali ma jawtorizzawx lill-Qorti taccettahom bhala raguni u motiv ta’ firda personali; imma jekk ikunu tali li jirrivestu azzjoni, u min jaghmilhom jidher li hu kapaci jikkunsmahom, allura ndubbjament jiffurmaw motiv ta’ separazzjoni”.*

Illi fir-rigward tal-addebitu ta’ **sevizzi**, dan jista’ jissussiti meta l-agir *“joffendi l-persuna li kontra taghha huma diretti b’mod li jiggeneraw fiha dulur, ezacerbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom”* (**Vol. XXXI P I p 200; Vol. XXVI P I p 246**).

Illi fir-rigward tal-addebitu ta’ **ingurji gravi** dawn huma forma ta’ maltrattament inqas gravi mill-eccessi: dawna jikkonsistu fi kliem jew atti li fin-natura taghhom inaqqsu jew joffendu l-unur tal-persuna li lejha jkunu rivolti. “*L-ingurji gravi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina, imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza ta’ l-Imhallef sabiex jivvalutahom.*

*Fil-hsieb konsiderat tal-Qorti, certament l-ingurja lancjata mill-attrici lill-konvenut u cioe` li zewgha kien abbuza sesswalment minn binthom jikkostitwixxi ngurji ta' certa gravita` li jweggha l-qalb u jirrendi l-konvivenza komuni difficli"* – **"Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud"**, (P.A. 30 ta' Gunju 1961).

Illi hawn din il-Qorti taghmel riferenza ghall-konkluzzjonijiet tal-Perit Legali f'dan ir-rigward u tinnota li l-konkluzzjoni generali ta' l-istess hija korretta fis-sens li apparti dak kollu fuq indikat mehud mill-atti processwali jidher li l-problemi matrimonjali bejn il-partijiet ilhom ghaddejin ghal bosta snin. Fost dawn il-problemi kien hemm in-nuqqas ta' flus u li l-konvenut kien konsistentement u anke waqt il-mori tal-kawza jzomm lill-martu u anke lill-uliedu fil-bzonn. Jirrizulta li kien hemm xi problemi finanzjarji peress li l-konvenut kien iddejjen ma' diversi nies liema persuni kienu ta' sikwit imorru fid-dar tal-partijiet biex jigbru flushom lura, problemi li jidher li inholqu mill-konvenut stess specjalment bl-attegjament tieghu.

Illi ghalhekk wara li rat il-provi kollha prodotti u rat wkoll ir-relazzjoni peritali tal-brava Perit Legali Dr. Charmaine Zammit din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta li ghandha tiddikjara li bazikament hija taqbel mal-konkluzzjonijiet peritali dwar responsabbilita` tal-firda ta' bejn il-partijiet li qed tigi adebita unikament lill-konvenut, izda u bid-diferenza li din il-Qorti thoss li l-konvenut kien fil-fatt responsabbli ghall-aggravji kollha ndikati mill-attrici fic-citazzjoni taghha u dan konsistenti f'minacci, sevizzi, theddid u ingurji gravi fil-konfront ta' l-attrici.

Illi fil-fatt jirrizulta mix-xhieda prodotta li l-konvenut kien responsabbli ghall-attrici f'dawk li huma sevizzi u dan *stante* li jirrizulta li l-konvenut offenda lill-mara diversi drabi bi hrug tieghu wahdu bil-lejl, fejn kien ikun fil-kumpanija anke ta' nisa u in generali kien jaghmel diversi atti sabiex jbaxxi lill-attrici, tant li kien jisfidaha li jekk tkompli tilmenta kien anke ser igib lill-istess nisa d-dar; f'dan il-kuntest hemm ukoll ix-xhieda ta' ulied il-kontendenti Claudia u Dorianne Sacco li xehdu li

missierhom kien ikun dejjem barra u meta jasal id-dar kien jaqla' l-inkwiet ma' ommhom; meta kien jigi rinfaccjat minhabba l-agir tieghu kien jehded lill-istess uliedu u lill-martu; apparti dan l-istess konvenut gie ppruvat ukoll li kien izomm lill-familja tieghu fil-bzonn, u waqt dawn il-proceduri stess gie wkoll ikkundannat talli ma' obdiex l-ordni tal-Qorti ghall-hlas ta' manteniment provizzjorju u fil-fatt hemm sentenza tal-Qorti tal-Magistrati f'dan ir-rigward.

Illi fil-fatt jidher li l-konvenut ghamel zmien konsiderevoli sgregolat fis-sens li johrog barra jiddeverti u jixrob, jkun fil-presenza ta' nisa, jzomm lill-familja tieghu fil-bzonn u wkoll dahal f'dejn ma' diversi nies, tant li dan kollu gie ikkonfermat mhux biss minn maryu izda wkoll minn diversi kontijiet li hargu fuqu u wkoll minn diversi persuni li kienu jmorru d-dar tieghu sabiex ihallashom; meta kien ikun ikkonfrontat fuq din il-hajja tieghu l-istess konvenut kien jispicca jhedded lill-attrici u lill-uliedha u dan kif l-istess xehdu anke quddiem il-Perit Legali. F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li l-istess konvenut kien responsabbli *verso* l-attrici wkoll ta' minacci u theddid.

Illi fl-ahharnett jidher car li l-istess konvenut ingurja gravament lill-attrici anke fil-kors ta' din il-kawza li qala' fil-konfront taghha diversi allegazzjonijiet li *in verita`* mhux biss ma' gewx ippruvati, izda addirittura kontradetti mill-familjari tieghu stess, inkluz uliedu li kellhom jissaportu jaraw lill-konvenut is-snin jimmaltratta lill-ommhom, kif huma qalu minghajr ebda tlaqliq. Jidher ukoll li l-istess konvenut kien jaghmel ukoll atti sabiex litteralment jirrita u jwegga' lill-konvenuta u dan billi jrabbi animinali d-dar, u jzomm ruhu mahmug. Ghalhekk l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha kif proposta minnha.

**<u>(b) Kommunjoni tal-Akkwisti.</u>**

Illi skond dak verbalizzat fis-seduta tat-28 ta' Jannar, 2003 il-partijiet iddikjaraw li jaqblu li l-beni formanti parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti huma s-segwenti:-

i) Id-dar konjugali Kitty Farmhouse, Raba Nemel, l/o Rabat;
ii) Vettura Hyundai Stellar;
iii) Kreditu ta' elfejn u hames mitt lira Maltin (Lm2,500) minghand certu Godwin Cauchi;

Illi matul ix-xhieda irrizulta li hemm ukoll is-segwenti:-

iv) Il-konvenut xehed li ghandu jaghti lill-Bank tlett mitt lira Maltin (Lm300);
v) Vann Transit;
vi) Dejn mal-Pitkali ta' xi elf lira Maltin (Lm1,000);
vii) Xi mitejn lira Maltin (Lm200) arretrati mal-Enemalta.

Illi fir-rigward il-kreditu ta' Godwin Cauchi dan l-ammont gie mhallas lill-partijiet u tant li gie ddikjarat li l-attrici thallset elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) filwaqt li l-konvenut ha sitt mitt lira Maltin (Lm600) ghas-saldu u dan anke kif jirrizulta mill-paragrafu 18 tar-relazzjoni attrici u minn Dok. "ES 4".

Illi ghalkemm ma gie esebit l-ebda kuntratt ta' akkwist, il-konvenut xehed illi l-imsemmi fond inxtara waqt iz-zwieg u ghalhekk jappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti izda fil-waqt li dwar dan hemm qbil fir-rigward tad-dar matrimonjali iz-zewg partijiet pproducew certifikati *ex parte* dwar il-kwistjoni jekk l-istess fond huwiex komodament divizzibbli jew le. Ineffetti l-attrici pproduciet certifikat tal-Perit Charles Buhagiar bhala Dok. "A" fejn dan il-perit min-naha tieghu iccertifika li d-dar matrimonjali Kitty Farmhouse, Raba Nemel, l/o Rabat mhix komodament divizibbli biex iz-zewg partijiet jghixu t-tnejn go fiha. Da parti tieghu il-konvenut ipproduca certifikat tal-Perit Anton Valentino, Dok. "ES 2", fejn dan il-perit min-naha tieghu ccertifika li l-imsemmija dar tista' tigi divizi f'zewg abitazzjonijiet.

Illi peress li ma kienx hemm qbil dwar id-dar matrimonjali, din il-Qorti ma' kellhiex xelta ohra hlief li tinnomina lill-Perit Arkitett Valerio Schembri biex jaghmel rapport dwar jekk

il-fond hux komodament divizibbli u wkoll sabiex jaghti valutazzjoni tal-istess fond.

Illi fil-fatt din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess rapport peritali datat 5 ta' Dicembru 2003 u esebit fil-process a fol. 78 sa 86 ta' l-istess fejn gie relattat mill-istess espert tekniku nominat mill-Qorti li l-fond in kwisjtoni mhux komodament divizibbli u li l-valur tieghu huwa ta' hamsa u sebghin elf lira Maltin (Lm75,000).

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall argumentazzjoni ta' l-istess Perit Tekniku u wkoll ghall-eskussjoni ta' l-istess Perit Tekniku Valerio Schembri mid-difensur tal-konvenut li saret fis-seduta tal-24 ta' Mejju 2005, fejn l-istess Perit Valerio Schembri kkonferma b'mod kategoriku li fond ma' huwiex komodament divizzibbli. Din il-Qorti f'materja hekk teknika ma' ghandhiex ghazla ohra hlief li toqghod ghal dak li rrelata l-Perit Tekniku u tinnota li l-argumentazzjoni tieghu hija assodata b'ragunijiet varji li jikkonfermaw li l-konkluzzjoni tieghu hija l-ahjar u fl-interess tal-partijiet anke ghal dak li huwa l-valur ta' l-istess ishma tal-kontendenti.

Illi apparti dan jirrizulta mill-atti li minkejja l-inisistenza tal-konvenut fuq dan il-punt u dan sa l-ahhar tal-kawza u trattazzjoni, huwa ma' nsistiex lanqas fuq in-nomina ta' periti perizjuri u din il-Qorti thoss li anke abbazi ta' diversi insenjamenti ta' dawn il-Qrati f'materji ta' perizji teknici, din il-Qorti thoss li fl-interess tal-gustizzja u ta' l-istess partijiet hija ghandha ssegwi l-konkluzzjoni ta' l-espert tekniku inkarigat minnha.

Illi din il-konkluzzjoni taghha hija assodata fuq dak li gie ritenut anke fil-kawza fl-ismijiet **"Alfred Mizzi et vs M.R.C.D. Limited"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002) fejn inghad li l-principju li ghandu jigi applikat bhala norma u dak li gja gie uzat diversi drabi minn din il-Qorti nkluz fil-kawza fl-ismijiet **"Spiteri Tiles Limited vs Raymond Borg"** (P.A. (RCP) – 28 ta' Frar 2002) fejn inghad li:-

*"Ghalkemm il-Qorti ma hijiex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzzjoni taghha*

*nnfisha, kif fil-fatt huwa dettat mill-***artikolu 681 tal-Kap 12,** *jibqa' jippersisti l-fatt li tali konkluzzjoni pertali, specjalment fuq natura purament teknika, din il-Qorti "ma tistax taghmlu b'mod legger jew kapriccuz. Il-konvinzjoni kontrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta' aspett tekniku tal-materja taht ezami"* (**"Philip Grima vs Carmelo Mamo –** A.C. 29 ta' Mejju 1998; **"Anthony Cauchi vs Carmel Mercieca" –** A.C. 6 ta' Ottubru 1999; **"John Saliba vs Joseph Farrugia"** A.C. 28 ta' Jannar 2000; **"Sammy Tabone vs Carmel Tabone et"** – A.C. 5 ta' Ottubru 2001).

Illi dawn is-sentenzi huma bbazati wkoll fuq dak li intqal fid-decizjoni fil-kawza fl-ismijiet **"Giswarda Bugeja *et vs* Emmanuele Muscat *et*"** (A.C. 23 ta' Gunju 1967 – LI.i.390) fejn intqal li ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, *"b'danakollu, l-'giudizio dell'arte' espress mill-Perit Tekniku ma jistghax u ma ghandux aktar u aktar fejn il-parti interessata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija b'talba ghan-nomina ta' periti addizzjonali jigi skartat facilment ammenoche' ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli".* Ovvjament f'dan il-kaz hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li r-rapport tekniku tal-Perit Valerio Schmebri huwa ben motivat u fuq kollox indipendenti w integrali u ghalhekk ghandu jigi sewgiet.

Illi fir-rigward taz-zewg vetturi, il-konvenut xehed illi l-vettura Hyundai Stellar kien xtraha bil-prezz ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u ghamlilha seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) spejjez, filwaqt li l-Vann Transit numru ta' Registrazzjoni HAH – 207 dan huwa *scrap* u jiswa' xi mitt lira Maltin (Lm100) jew mitejn lira Maltin (Lm200) u ghandu cirka tletin jew erbghin sena. L-attrici ma taqbilx ma' dan il-valur u tghid li l-valur tal-istess vann huwa ta' xi sitt mitt lira Maltin (Lm600).

Illi fir-rigward tad-dejn li hemm gravanti fuq il-kommunjoni tal-akkwisti jirrizulta mix-xhieda tal-konvenut illi hemm tlett mitt lira Maltin (Lm300) mal-Bank u elf lira Maltin (Lm1,000) mal-Pitkali. Illi fis-seduta tad-29 ta' Lulju, 2003 l-esponent iddikjara li dejn ghandu ftit pero` ha jhallsu hu. Illi ghalhekk din il-Qorti ghandha x'tifhem illi l-ammont totali ta' elf u tlett mitt lira Maltin (Lm1,300) assuma r-responsabbilta` taghhom il-konvenut u in verita` jidher li l-agir tieghu kien unikament responsabbli ghall-istess dejn – u minhabba dan l-agir tieghu l-familja tieghu batiet mhux ftit mhux l-inqas minhabba li l-istess konvenut mhux l-ewwel darba li ma mantniex lill-attrici.

Illi fir-rigward tal-arretrati tad-dawl u ilma l-attrici pproduciet xi ricevuti (Dok. "CZA") fejn indikat li kienet hallset erba' mija w ghaxar liri Maltin (Lm410) kontijiet tad-dawl u ilma. Il-konvenut jaqbel illi huwa hallas xi ghaxar liri Maltin (Lm10) minnhom pero` r-rimanenti hallsithom l-attrici. Madankollu skond il-partijiet baqa' bilanc ta' xi mitejn lira Maltin (Lm200) f'arretrati.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dawn ir-rizultanzi kollha u wara li din il-Qorti ezaminat il-provi kollha u rat ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet tordna li l-attrici tibqa' tghix fid-dar konjugali Kitty Farmhouse, Raba Nemel, l/o Rabat kif ammobiljata, u dan ghall-perjodu ta' tmien (8) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u dan bl-esklussjoni tal-konvenut abbazi ta' l-**artikolu 55 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghal dan l-iskop din il-Qorti li qed taghti lill-konvenut zmien qasir u perentorju ta' tlettin (30) gurnata ghall-izgumbrament tieghu mill-istess dar matrimonjali, mill-liema dar ghandu jiehu biss l-effetti personali tieghu, s-salott u l-gradenza tat-telefon.

Illi sadanitant l-istess immobbli Kitty Farmhouse, Raba Nemel, l/o Rabat, ghandha tibqa' in komun bejn il-partijiet izda wara l-istess perjodu ta' tmien (8) snin mid-data ta' din id-decizjoni l-istess immobbli ghandha tinbiegh in subbasta bir-rikavat ta' l-istess jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi fir-rigward ta' mobbli fl-istess dar dawn ghandhom jibqghu proprjeta` ta' l-attrici w uzati minnha hlief ghall-oggetti fuq indikati li l-konvenut huwa awtorizzat li jiehu mieghu meta johrog mid-dar konjugali.

Illi fir-rigward taz-zewg vetturi u cioe` Hyundai Stellar u Vann Transit in-nofs indiviz tal-attrici ghandu jigi assenjat lill-konvenut b'dan li l-konvenut ghandu jkun unikament u esklussivament responsabbli ghall-hlas ta' kull dejn mal-Bank li skond l-atti tal-kawza kien jammonta ghall-tlett mitt lira Maltin (Lm300) u ghal dejn ulterjuri ta' elf lira Maltin (Lm1,000) mal-Pitkali.

Illi fir-rigward tal-arretrati ta' mitejn lira Maltin (Lm200) li hemm dovut lill-Korporazzjoni Enemalta dawn ghandhom jithallsu nofs bin-nofs u l-istess kontijiet tad-dawl u ilma ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet sad-data meta l-istess konvenut effettivament jizgombra ruhu mid-dar matrimonjali b'effett ta' din is-sentenza.

Illi fir-rigward tal-pagamenti li ghamlet l-attrici ghall-istess kontijiet tad-dawl fl-ammont ta' erba' mija w ghaxar liri Maltin (Lm410) u t-tlett elef u tmien liri Maltin (Lm308) li hallset lil Primrose din giet ikkumpensata ghalihom peress li rceviet pagament ta' elf u hames mitt lira Maltin (Lm1,500) minghand Cauchi Poultry u l-konvenut ircieva biss sitt mitt lira Maltin (Lm600) u dan kif ammess fl-atti ta' din il-kawza.

**<u>(c) Manteniment.</u>**

Illi skond digriet tas-Sekond'Awla presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Alberto J. Magri datat 21 ta' Awissu, 2001 il-konvenut kien ordnat ihallas retta alimentarja ta' erbghin lira Maltin (Lm40) fix-xahar ghall-attrici skond Digriet Numru 1199/2001. Illi dan id-digriet gie varjat permezz ta' digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 11 ta' Frar, 2004 u gie awmentat ghal mija w ghoxrin lira Maltin (Lm120) kull erba' gimghat pagabbli mill-konvenut lill-attrici u b'dan li tali ammont kellu jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut u jintbaghat direttament lill-attrici

mill-*employer* ta' l-istess konvenut u dan kollox kif jidher minn fol. 71 tal-process.

Illi bhala prova tal-introjtu tieghu il-konvenut ipproduca *payslip* (Dok "ES1") li tindika li l-konvenut f'Dicembru 2002 ircieva mitejn u sitta u tmenin lira Maltin u sebgha u erbghin centezmu (Lm286.47). Illi l-attrici intavolat rikors fit-19 ta' Dicembru, 2003 fejn esebiet *payslip* ohra (Dok "A") li minnha jirrizulta li f'Settembru 2003 il-konvenut qala' tlett mija u disghin lira Maltin (Lm390) netti. Illi barra minn dan l-attrici tallega u l-konvenut ma jichadx dan illi ghandu *part-time* iqassam il-haxix. L-attrici esebiet *cheque* mahrug mill-Waterfront Hotel Limited fl-ammont ta' mitejn u hamsa u hamsin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm255.41) intestat lill-konvenut (Dok "CZB") u kif ukoll *statement* ta' Josef Sacco, li jigi iben il-partijiet, lill-Water Front Hotel (Dok "CZC"), u *statement* ta' Josef Sacco lil Stivala Operatiors Limited (Dokc "CZD"). Illi fir-rigward tal-i*statements* lill-Waterfront il-konvenut xehed li huwa jaghmel biss il-konsenja u l-ammont indikat f'kull *statement* ma jihdux kollu hu u jghid li kull mitejn lira Maltin (Lm200) bejgh ta' haxix huwa jibqaghlu cirka tlettin lira Maltin (Lm30). Fir-rigward tal-i*statement* lil Stivala Operators Limited il-konvenut qal li din kienet okkazzjoni ta' darba.

Illi f'dan il-kuntest din il-Qorti tiddeciedi li l-manteniment ghall-attrici ghandu jkun ta' Lm100 kull erba' (4) gimghat u dan minhabba l-provvedimenti li din il-Qorti sejra tiehu f'din is-sentenza u anke ghaliex l-istess ammont jidher li gie accettat mill-attrici; din il-Qorti f'dan il-kuntest qed tiehu in konsiderazzjoni dak li qalet il-Perit Legali, ghalkemm jirrizulta lil din il-Qorti li l-konvenut ghandu introjtu sew sabiex ihallas l-istess ammont, anke jekk wiehed jiehu in konsiderazzjoni l-paga tieghu biss; anzi jidher li l-istess manteniment ghandu jkun ikbar ghaliex din il-Qorti hija konvinta li l-konvenut ghandu wkoll introjtu iehor *part time* minbarra dak dikjarat; allura din il-Qorti thoss li l-ammont ta' alimenti ghall-attrici ghandu jibqa' stabbli fl-ammont indikat mill-Perit Legali u taht dan l-aspett din il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-provedimenti

li ser tiehu fil-konfront tal-konvenut ghal dak li hija l-okkupazzjoni tad-dar konjugali.

## <u>III. KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz** b'dan illi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli unikament lil konvenut konsistenti f'minacci, sevizzi, theddid u ingurji gravi bil-mod kif iktar il-fuq deskritt u li kawza ta' l-istess il-konvenut irrenda l-konvivenza ta' bejn il-partijiet impossibbli u z-zwieg tkisser irremedjabbilment.

2. Tordna x-xoljiment tal-kommunjoni ta' l-akkwisti b'effett mid-data ta' din is-sentenza u dwar il-likwidazzjoni u divizjoni ta' l-istess tipprovdi s-segwenti:-

Illi din il-Qorti anke in vista tar-rizultanzi fuq indikati u tat-tielet talba attrici tordna li l-attrici tibqa' tghix fid-dar konjugali Kitty Farmhouse, Raba Nemel, l/o Rabat kif attwalment ammobiljata (hlief ghal xi oggetti ndikati li l-konvenut huwa awtorizzat jiehu mieghu meta jizgombra ruhu mill-istess fond), u id-dritt qed jinghata presenzjalment lill-attrici ghall-perjodu ta' tmien (8) snin b'effett mid-data ta' din is-sentenza, u dan bl-esklussjoni tal-konvenut abbazi ta' l-**artikolu 55 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** u ghal dan l-iskop din il-Qorti li qed taghti lill-konvenut zmien qasir u perentorju ta' tlettin (30) gurnata ghall-izgumbrament tieghu mill-istess dar matrimonjali, mill-liema dar ghandu jiehu biss l-effetti personali tieghu, s-salott u l-gradenza tat-telefon.

Illi sadanittant l-istess immobbli Kitty Farmhouse, Raba Nemel, l/o Rabat, ghandha tibqa' proprjeta` in komun bejn il-partijiet izda wara l-istess perjodu ta' tmien (8) snin mid-data ta' din id-decizjoni l-istess immobbli ghandha tinbiegh in subbasta bir-rikavat ta' l-istess jinqassam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi fir-rigward ta’ mobbli fl-istess dar dawn ghandhom jibqghu proprjeta` ta’ l-attrici w uzati minnha hlief ghall-oggetti fuq indikati li l-konvenut huwa awtorizzat li jiehu mieghu meta johrog mid-dar konjugali, kif ordnat li jaghmel abbazi ta’ din is-sentenza fit-terminu qasir u perentorju hawn stabbilit.

Illi fir-rigward taz-zewg vetturi u cioe` Hyundai Stellar u Vann Transit in-nofs indiviz tal-attrici mill-istess qed jigi assenjat minn din il-Qorti lill-konvenut b’dan li l-konvenut ghandu jkun unikament u esklussivament responsabbli ghall-hlas ta’ kull dejn mal-Bank li skond l-atti tal-kawza kien jammonta ghall-tlett mitt lira Maltin (Lm300) u ghal dejn ulterjuri ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) mal-Pitkali. L-istess vetturi jinsabu gja fil-pussess tal-konvenut.

Illi fir-rigward tal-arretrati ta’ mitejn lira Maltin (Lm200) li hemm dovuti lill-Korporazzjoni Enemalta dawn ghandhom jithallsu nofs bin-nofs u l-istess kontijiet tad-dawl u ilma ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet sad-data meta l-istess konvenut effettivament jizgombra ruhu mid-dar matrimonjali b’effett ta’ din is-sentenza.

3. Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li taghti d-dritt ta’ abitazzjoni tad-dar konjugali, Katie Farmhouse, Raba’ Nemel limiti tar-Rabat lill-attrici ghall-perjodu hawn indikat ta’ tmien (8) snin mid-data ta’ din is-sentenza bl-esklussjoni tal-konvenut abbazi ta’ l-**artikolu 55 A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta,** u ghal dan l-iskop din il-Qorti li qed taghti lill-konvenut zmien qasir u perentorju ta’ tlettin (30) gurnata ghall-izgumbrament tieghu mill-istess dar matrimonjali, mill-liema dar ghandu jiehu biss l-effetti personali tieghu, s-salott u l-gradenza tat-telefon. Wara dan il-perjodu din il-Qorti tordna li jsehh dak indikat abbazi tat-tieni talba ta’ din ic-citazzjoni attrici.

4. Tilqa’ din it-talba u tiddeciedi li tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici l-manteniment ta’ mitt lira Maltija (Lm100) kull erba’ (4) gimghat b’effett mid-data ta’ din is-sentenza, u b’dan li l-istess ammont ta’ manteniment jitnaqqas direttament mill-paga tal-konvenut mill-*employer* tieghu u jintbaghat direttament lill-attrici fir-residenza

attwali taghha u ghal dan l-iskop tordna lill-attrici sabiex a spejjez taghha tinnotifika kopja legali ta' din is-sentenza lill-*employer* ta' l-attur, sabiex l-istess *employer* jaderixxi ruhu ma' din is-sentenza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------